MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 978/2002

**Malta Standards Authority**

**-vs-**

**B&M (Supplies) Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-30 ta’ Awissu, 2002 li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi l-Awtorita’ attrici tokkupa t-Tieni Sular ta’ Evans Building ta’ Triq il-Merkanti Valletta;

Ukoll illi fis-sena 1998, l-Awtorita’ attrici ghamlet sejha ghal offerti ghal xogholijiet ta’ modernizzar ta’ l-ufficji li

jinsabu fil-fond hawn fuq imsemmi liema xogholijiet kienu jikkonsistu, *inter alia*, fit-twahhil tal-madum ta' l-art;

Illi s-Socjeta' konvenuta ghamlet offerta biex tezegwixxi dawn ix-xogholijiet liema offerta ntlaqghet mill-Awtorita' attrici fit-2 ta' Lulju, 1998 liema ittra t'accettazzjoni qeghda tigi hawnhekk annessa u mmarkata bhala Dok. MSA01;

Illi s-Socjeta' konvenuta ezegwiet ix-xogholijiet mehtiega u Certifikat ta Hlas ghax-Xoghol Ezegwit gie rilaxxat mill-Perit Lawrence A. Mintoff fis-16 t'April, 1999 liema certifikat qed jigi hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. MSA 02;

Ukoll illi madwar xi hmistax-il xahar wara t-tlestija tax-xogholijiet in kwistjoni, il-madum ta' l-art beda juri li l-*grouting* kien qed imur u jinqala';

Illi madwar tmintax-il xahar wara li tlestew ix-xogholijiet il-*grouting* beda sejjer minn artijiet sostanzjali u konsegwentement hafna madum ta' l-art beda jiccaqlaq u jinqala' mill-qiegh;

Ukoll illi aktar ma beda jghaddi z-zmien iktar is-sitwazzjoni bdiet tiddeterjora tant illi llum hemm arja sostanzjali mill-madum li hija interament maqlugha minn taht u artijiet ohra li ghalkemm ghadhom ma nqalghux interament qeghdin sejrin dejjem ghall-aghar bir-rizultat illi dejjem qed jinqala' aktar madum kif deskritt fil-Klawsola 2 tar-rapport tal-Perit Lawrence Mintoff A&CE hawnhekk anness u mmarkat MSA 03;

Illi l-Awtorita' attrici permezz ta' l-ittra datata 26 ta' Frar, 2002 u sussegwentement ipprovat tasal ghal xi tip ta' ftehim (kopji

ta' liema ittri qed jigu hawnhekk annessi u mmarkati bhala Dok. MSA 04, MSA 05, MSA 06) li permezz tieghu s-sitwazzjoni kienet tigi rrangata;

Ukoll illi s-socjeta' konvenuta fl-ebda stadju m'accettat responsabilita' ghall-fatt li arjiet sostanzjali mill-madum ta' l-art qieghed jinqala' u jiccaqlaq u ghamlet proposti ta' ftehim lill-Awtorita' attrici, (Dok. MSA 07, MSA 08, MSA 09) liema proposti pero' gew ritenuti inaccettabbli mill-attrici fid-dawl ta' l-imsemmi rapport tal-Perit Lawrence Mintoff liema rapport (hawn anness u mmarkat bhala Dok. MSA 03) jattribwixxi r-raguni ghas-sitwazzjoni prezenti prekarja tal-madum unikament ghall-kolla li ntuzat biex jitwahhal il-madum;

Illi l-Awtorita' attrici permezz ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Mejju, 2002 interpellat lis-socjeta' konvenuta biex fi zmien sebat (7) ijiem tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni kagunati minhabba imperizja u nuqqas ta' sengha, liema socjeta' madankollu baqghet inadempjenti minhabba li qed tichad responsabilita' fil-kwistjoni permezz ta' l-ittra annessa u mmarkata Dok. MSA 09;

Illi sallum is-sitwazzjoni tal-madum qieghda dejjem aktar taggrava tant li qed jinqala' dejjem aktar madum;

Ghalhekk illi l-konvenut ghandu jikkompensa l-Awtorita' attrici ghad-danni kollha li ser issofri ghall-qlugh tal-madum kollu tat-Tieni Sular, Evans Building, Merchants Street, Valletta, u t-twahhil ta' l-imsemmi madum mill-gdid flimkien ma' spejjez kollha ancillari.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjara u tiddeciedi li minhabba li x-xoghol ma sarx
skond l-arti u s-sengha b'imperizja s-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli ghad-danni kollha li l-Awtorita' ser issofri ghall-qlugh tal-madum kollu tat-Tieni Sular shih u l-istess madum jerga' mill-gdid jigi

mwahhal flimkien ma' l-ispejjez kollha relatati u ancillari;

2. tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi liema danni jinkludu l-ispejjez kollha mehtiega biex il-madum jigi maqlugh u l-istess madum jerga' jitqieghed u d-danni kollha ancillari ghal dan ix-xoghol;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata, in linea ta' danni kif fuq intqal, flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Mejju, 2002, kontra s-socjeta' konvenuta li millum ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Francis Farrugia, I.D. 12246M u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta pprezentata fis-6 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha eccepiet;

1. Preliminarjament, l-inkompetenza ta' din il-Qorti 'ratione valoris'.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi x-xoghol li wettqet is-socjeta' konvenuta sar skond l-arti u s-sengha u ghalhekk l-eccipjenti ma hi responsabbli ghal ebda danni.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Martin Mallia, I.D. 521564M u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat ir-rapport ta' l-espert tekniku l-AIC Godwin Abela.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li semghet it-trattazzjoni ta' l-Avukati rispettivi.

Ikkunsidrat;

Illi l-awtorita’ attrici qed titlob il-hlas tad-danni in segwitu ghall-appalt li kienet tat lis-socjeta’ konvenuta biex tpoggi l-madum fil-bini taghha. L-awtorita’ qed issostni illi dan ix-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha. Dan apparti l-kwistjoni legali jekk il-konvenuti jistghux jecepixxu u jipproponu xi dritt legali dwar il-kwalita’ pattwita.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija dik tal-kompetenza *rationae valoris* ghaliex skond l-istess konvenuti, id-danni jekk kien hemm, kienu taht il-hamest elef Lira Maltin (Lm5,000).

Dwar dan ghandu jinghad li l-atturi talbu dikjarazzjoni ta’ responsabilita’ tad-danni u likwidazzjoni ta’ danni fic-citazzjoni taghhom. Huwa accettat li ghall-fini tal-kompetenza fuq il-valur il-Qorti ghandha tiddeciedi a bazi tac-citazzjoni – “*Una volta l-kawza saret biex fl-ewwel lok jigi stabbilit li gew kawzati danni, oltre l-likwidazzjoni tal-istess, bhala premessi imbaghad ghal kundanna tal-bilanc pretiz, il-mertu kien u baqa’ jinvolvi dejjem il-likwidazzjoni ta’ l-ammont ta’ danni globali li minnu nnifsu u prima facie jesorbita mill-kompetenza ta’ l-ewwel Qorti*.” (tal-Magistrati) – Appell Inferjuri – Nazzareno Caruana vs Joseph Axisa – 9 ta’ Ottubru, 2001).

Ta’ l-istess fehma kienet din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza World Marketing Limited vs Information Technology Services Limited – 1 ta’ April, 2002 illi qalet; “*Jibqa’ l-fatt li fejn il-valur ta’ talba huwa incert jew mhux determinat il-Qorti xierqa biex tisma’ dik it-talba skond ir-rieda espressa tal-ligi hija din il-Qorti (Artitolu 32 tal-Kapitolu 12). Dan ukoll jaghmel parti mit-tifsira li taw il-Qrati taghna ghar-rigward*

*fejn gie stabbilit b’awtorita’ li l-Prim’Awla tal-Qorti (u mhux il-Qorti Inferjuri) kienet kompetenti tisma’ l-kawza ghax l-attur ressaq talba ghal-likwidazzjoni ta’ danni minkejja li fl-istess waqt iccensuratu talli messu kien jaf li l-oghla ammont ta’ kumpens li seta’ jiehu ma kien qatt jisboq*

*ammont li johrog mill-kompetenza ta' dik il-Qorti inferjuri* (Gatt vs Mifsud – Kollezjoni Volum XLVII-i-406).

Ghaldaqstant l-eccezzjoni qed tigi michuda. Fir-rigward tac-censura msemmija fl-ahhar sentenza citata, ghalkemm f'dan il-kaz skond id-dokumenti esebiti mill-atturi (Dok. MSA 06) kienu jindikaw ammont inqas minn hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) l-istima finali tal-espert tekniku kienet ferm vicina u ghalhekk mhux il-kaz li l-atturi jigu daqstant censurati.

Il-perit tekniku kkonkluda r-relazzjoni tieghu billi qal; "*Ir-raguni li nqala' l-grouting u l-madum kien l-uzu ta' kolla mhux addattata ghas-sitwazzjoni ezistenti fil-bini ta' l-awtorita' attrici; kienet ir-responsabilita' tas-socjeta' konvenuta tipprovdi l-kolla adattata kif kienet ukoll ir-responsabilita' ta' l-awtorita' attrici li qabel tintuza dik il-kolla partikolari jsiru t-testijiet jew li titlob lis-socjeta' konvenuta ghal certifikat li l-kolla kienet addattata ghal dak l-uzu specifiku u cioe' li tista' tintuza biex jiqieghed madum tac-ceramika fuq madum iehor esistenti.*"

Il-Qorti, fil-waqt li taghmel taghha l-konkluzjonijiet ta' natura teknika kontenuti fir-rapport, bir-rispett ma taqbilx ghal kollox mal-konkluzjoni ta' l-abbli espert fejn jirrigwardja r-responsabilita' ta' l-atturi. Kienet is-socjeta' konvenuta wahedha responsabbli ghall-appalt u b'ebda mod ma ghandha jew tista' tahrab mir-responsabilitajiet legali taghha. Il-persuna li tinkariga lill-appaltatur ghandha kull dritt tippretendi li x-xoghol isir skond l-arti u s-sengha izda wkoll li jintuza materjal addattat ghal dak it-tip ta' xoghol. Lanqas ma s-socjeta' konvenuta ma tista', kif argumenta l-abbli difensur taghha fit-trattazzjoni tieghu li tahrab mir-responsabiltajiet taghha meta targumenta li l-atturi messhom, meta hargu t-*tender* ghax-

xoghol in kwistjoni, indikaw kolla adattata. Jekk is-socjeta' konvenuta kienet konxja mill-fatt li dik il-kolla ma kinitx addattata ghax-xoghol, kien messha ma applikatx biex taghmel dak ix-xoghol ghaliex ladarba applikat u hadet it-*tender*, assumiet responsabilita' anke ghall-materjal uzat.

Fuq dan l-ahhar punt gie ritenut fil-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet; Denis Farrugia et vs Joseph Dimech nomine deciza fil-25 ta Frar, 2005 illi;

"*Tajjeb li jinghad li f'kaz bhal dan skond gurisprudenza affermata meta appaltatur jintraprendi opra li fiha jaghti mhux biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu imma jfornixxi anke l-materjal, dan l-appalt hu affini mal-bejgh. Ara Borg vs Mifsud – Appell Kummercjali, 7 ta' Ottubru, 1980.*

Ghalhekk l-appaltatur hu responsabbli ghad-danni specjalment jekk kien jaf bid-difett (fis-sens li l-materjal uzat ma kienx addattat) li ta lok ghal dawk id-danni (Artikolu 1390 u 1429 tal-Kapitolu 16). Kwantu ghall-ammont ta' danni l-Qorti taghmel riferenza ghal-likwidazzjoni li saret mill-espert tekniku u taghmilha taghha – u ghalhekk se tillwikwida l-ammont ghal erbat elef, disa' mija, tmienja u ghoxrin Lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm4,928.69).

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-awtorita' attrici s-somma ta' erbat elef, disa' mija, tmienja u ghoxrin Lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm4,928.69). L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------